MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 456/2008

**A B sive C D E**

**-vs-**

**F E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B sive C D E, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-attur u l-konvenuta F E izzewgu fl-24 ta’ Frar 2001, fir-registru pubbliku ta’ Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’;

Illi l-kunsens ta’ l-attur ghaz-zwieg imsemmi nkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Ili l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fl-24 ta' Frar 2001 fir-registru pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Jirrizulta mill-ftit provi li f'din il-kawza illi l-partijiet ltaqghu Malta meta l-attur kien qieghed hawn ghal xi zmien, ghalkemm huwa jghid li kien hawn b'vaganza, il-kovenuta tghid li kien ga qed jahdem f'lukanda. Wara xi xhur jiltaqghu regolarment, wasal iz-zmien li l-attur imur lura l-Egittu. Il-prospett tal-firda il-partijiet, bezghu minnu,

partikolarment il-konvenuta li trabbiet f'istituzzjoni tas-sorijiet. Ghalhekk iddecidew malajr li jizzewgu. Ghamlu hekk, pero' z-zwieg ma rnexxiex. Il-konvenuta waqt li kienu ghadhom jghixu flimkien, bdiet relazzjoni ta' natura omosesswali ma mara ohra li ltaqghet maghha permezz tal-internet. Infatti, din ir-relazzjoni ghadha ghaddejja sal-prezent.

L-ewwel kawzali li l-attur isejjes il-kawza tieghu fuqha huwa l-qerq. Il-Ligi Maltija tillimita l-qerq fuq "xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga." Din il-Qorti kkunsidrat u fissret din il-kawzali fis-sentenza fil-kawza "Mary Farrugia vs Joseph Farrugia" (deciza 13 ta' Marzu, 1995), Imhallef Vincent DeGaetano, fejn il-Qorti rriteniet illi:

"Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jirrikorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."

Minn dan il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-orjentazzjoni omosesswali li hbiet il-konvenuta mill-attur u li sussegwentement harget fil-berah fir-relazzjoni li zviluppat ma' mara ohra effettivament hija wahda minn dawk l-elementi li tincidi fuq l-essenza taz-zwieg u qerq dwarha jivvizja l-kunsens tal-persuna li tbati l-qerq b'mod tali li tirrendi l-istess zwieg null.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Frar 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu mill-kovenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------